Nru. 529

AWTORITÀ TA' L-IPPJANAR

Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri

Proprjetà fi Triq Tabrija, Siġġiewi

(ara l-pjanta f'paġna 4,108) tista' tkun ta' valur arkitettoniku u storiku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-Proprjetà msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp. Dan l-ordni ta' emerġenza qed jissostitwixxi l-ordni ta' emerġenza għall-konservazzjoni ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Mejju, 1995 (Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 332) ma jibqax fis-seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Ordni.

(i) Il-proprjetà murija fil-pjanta mehmuża għandha titqies bħala bini ta' Grad 2, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur storiku tagħha.

(ii) Ma jistgħux isiru xogħlijiet jew alterazzjonijiet f'ebda parti tal-bini.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetà msemmija, li jistgħu jkunu permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Dan l-Ordni jibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' dan l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jahseb għal pieni horox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-18 ta' Awissu, 1995

No. 529

PLANNING AUTHORITY

Emergency Conservation Order

Section 47 of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely

Property at Tabrija Road, Siġġiewi

(see site plan on page 4,108) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with Section 47 of the Development Planning Act. This emergency conservation order hereby submitted supercedes the emergency conservation order published in the Government Gazette on 19th May, 1995 (Government Notice No. 332) which shall have no more effect from the date of publication of this order.

(i) The building is to be considered as a Grade 2 property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its historic value as an old building.


(ii) No alterations will be permitted to the building.

(iii) all developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Section 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

18th August, 1995


TRIQ IL-BANDA
TRIQ 12-ABBARIJA
TRIQ IL-FIGHA
TRIQ IL-KBIRA
TRIQ MONS. MIKIEL AZZOPARDI
SIGGIEWI
PROPERTY at
TABRIJA ROAD,
SIGGIEWI
Part of S.S. 4868
Scale 1: 2500
N